97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 61/2026 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: il-Ħamis, 14 ta' Ġunju 2026

Ħin: 17:00

Bdiet: 17:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President		Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku		Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku		Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku		Kunsill Lokali Fgura	Skużat
Sur Nigel Holland	Sindku		Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku		Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku		Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Jason Silvio	Sindku		Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku		Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku		Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku		Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku		Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Segretarju Eżekuttiv	Deputat	Reġjun Port	Preżenti

97, Triq Santa Marija, Hal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

61. 1 Ittri ta' Apoloġija

61.1.1Il-President semma li minħabba impennji relatati mal-kampanja elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali 2026, kien hemm diversi membri li talbu li jkunu skużati mill-laqgħa. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sur John Boxall il-Membri qablu li jitniżlu bħala skużati.

61.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.60

61.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 60 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

61.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 53

61.3.1 Fuq proposta tal-President, intalbet l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti Nru. 53, b'nefqa totali ta' €345,195.77 għall-perjodu bejn it-30 t' April u l-14 ta' Ġunju 2026. Il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Marco Agius u ġiet approvata mill-Kumitat.

61.4 Komunikazzjoni mill-President

61.4.1 Il-President semma li l-attività li saret ġewwa Bormla bħala parti mill-programm tar-Reġjun tal-Kultura kienet waħda pożittiva, għalkemm kien hemm nuqqas ta' attendenza.

Huwa informa lill-membri li l-attività li jmiss ser issir fl-Isla fis-27 ta' Ġunju 2026. Barra minn hekk, l-attività fil-Belt Valletta hija ppjanata għall-25 ta' Ottubru 2026, filwaqt li f'Raħal Ġdid ser tittella' wirja bejn it-13 u t-22 ta' Novembru 2026. F'Tarxien, l-attività ser issir fis-7 ta' Novembru 2026, filwaqt li fil-Kalkara hija skedata għall-11 ta' Ottubru 2026.

Il-President żied jgħid li għad fadal il-Kunsill Lokali taż-Żabbar u l-Kunsill Lokali tal-Birgu li s'issa għadhom ma tawx risposta dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm. Is-Sur John Boxall semma li il-Birgu by Candlelight kienet ser issir nhar id-9 u l-10 t' Ottubru.

61.4.2 Il-President semma li jidher li hemm talba sabiex l-artisit li qed jaħdmu fuq il-proġett Arts in Common jitħalsu 70% tal-ispiża minn qabel. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-artisti jitħalsu 20% fil-bidu tal-proġett mal-iffirmat tal-kuntratt, 30% waqt l-implimentazzjoni u 50% kif jitlesta l-proġett.

61.4.3 Il-President semma li, li hemm proposta mill-Voca Choir sabiex dawn jipparteċipaw fil-Birgu by Candle Light. Is-Sur Boxall semma li huw atalab biex jiltaqa' mal-Culture Manager u d-Direttur Artistiku sabiex jiddiskuti dinil-proposta aktra fid-dettal.

61.4.4 Is-Sur Jorge Grech daħal għal-laqgħa 17:47

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

61.4.5 Il-President semma l-iskema ta' €5,000 li qed jgħati r-Reġjun lill-Kunsilli Lokali, kien hemm konferma u approvazzjoni għal dawn il-proġetti:

- Kunsill Lokali Isla ser tiżdied mal-ispiża tal-inizjattiva tal-Ħġejjeġ
- Kunsill Lokali Tarxien ser tiġi organizzata Festa Tfal
- Kunsill Lokali Birgu ser jinxtraw arbli ta' barra
- Kunsill Lokali Zabbar ser jintużaw għall-Milied

61.5 Aġġornament

61.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sitta filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2026 fil-17:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv